MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Appell Civili - Ghawdex Numru. 21/2013/1

**Carmel Tabone**

**Vs**

**Paul Borg**

Permezz ta' avviz prezentat fis-27 ta' Gunju 2013, l-attur talab lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' €350 prezz ta' *grass cutter* mibjugh u kkonsenjat fis-7 ta' Awissu 2008.

Il-konvenut wiegeb:-

1. L-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.
2. It-talba tal-attur hi nfondata.
3. F'kull kaz l-ammont dovut mhux dovut.

Permezz ta' sentenza:

1. Tas-27 ta' Frar 2014 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni wara li kkonkluda li x-xiri kien att kummercjali ghall-konvenut u ghalhekk kienet tapplika preskrizzjoni ta' hames snin (Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili).
2. Tal-11 ta' Lulju 2014 laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' €325 bl-imghax mis-7 ta' Awissu 2008.

Il-konvenut appella miz-zewg sentenzi (14 ta' Lulju 2014). L-aggravji tieghu huma:-

1. Il-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in ezami hu l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.
2. It-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti.

Fis-7 ta' Awissu 2014 l-attur wiegeb fejn taha r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. **Preskrizzjoni** – Ghall-kaz in ezami japplika l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili li jipprovdi li huma preskritti bit-trapass ta' 18 il-xahar l-azzjonijiet ta' kredituri *"…. Ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut"*. Il-kaz in ezami kien kaz ta' semplici bejgh ta' bicca ghodda ghall-uzu tal-appellant. It-Tribunal qal li peress li ta' xiri tal-ghodda kien att soggettiv ta' kummerc, allura kellu japplika l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, li jipprovdi:-

   *"l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra,* ***meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar****, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku".*

   Madankollu dan il-provvediment japplika meta ghall-kreditu ma jkunx japplika xi provvediment iehor. Fl-Artikolu 2148(b) m'hemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex

tikkonkludi li ghaliex l-att hu kummercjali ghax-xerrej, il-preskrizzjoni tat-tmintax il-xahar ma tapplikax[1].

L-appellant xehed li kien hemm okkazzjoni meta kellmitu mart l-appellat u qaltlu li hu debitur ta' zewgha ghall-bejgh ta' mutur. Kompla jghid li qalilha biex turih li hu xtara mutur u ***".... naghmillek cheque issa stess"*** (fol. 27). Il-verzjoni li tat Frances Tabone, mart l-appellat, hi ghal kollox differenti. Qalet li kemm-il darba tkellmet mal-appellant u kien iwieghdha li ser ihallas (fol. 16-17). Id-dettalji li tat huma tali li jikkonvincu lill-qorti li qalet il-verita'. Inoltre hemm id-deposizzjoni ta' Victoria Azzopardi li semghet lill-appellant ighid lill-mart l-appellat li ser jatiha cekk (fol. 15). Kliem li sar matul is-sena 2013.

Ghaldaqstant il-qorti tikkonkludi li fis-sena 2013 l-appellant irrikonoxxa d-dejn u l-preskrizzjoni regghet bdiet tiddekorri. Peress li l-kawza giet intavolata fis-27 ta' Gunju 2013, it-tmintax-il xahar kienu ghadhom ma skadewx.

2. Fil-meritu t-Tribunal emmen il-verzjoni tal-appellat. Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex tal-fehma li l-appellant ressaq xi argument li jwassal biex din il-qorti tiddisturba l-apprezzament li ghamel it-Tribunal, li sahansitra kkummenta wkoll dwar il-komportament tal-appellant waqt id-deposizzjoni tieghu[2]. Ghalkemm jidher li n-negozju kien ta' bejgh u xiri ta' *chainsaw* (ara invoice u ricevuta a fol. 21 kif ukoll invoice mahrug mill-appellat innifsu datat 7 ta' Awissu 2008 a fol. 19)[3] filwaqt li fl-avviz tat-talba jissemma *grass cutter*, b'daqshekk mhu ser jibdel xejn mill-fatt li l-appellant hu debitur tal-appellati ghax-xiri ta' bicca ghodda.
   F'kull kaz il-qorti taqbel mal-appellat li fir-rigward tal-meritu japplika l-Artikolu 8(2) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380). Peress li t-talba ghall-hlas hi nqas minn dik fejn jista' dejjem isir appell [Artikolu 8(3)], id-dritt ta' appell hu limitat ghal kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2). Fir-rikors tal-appell l-appellant naqas milli jindirizza dak il-provvediment sabiex jispjega kif l-ilment fil-meritu jaqa' taht wiehed mill-kazijiet fejn il-ligi tikkontempla l-possibilta' ta' appell.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-appell billi:-**

---

[1] Ara wkoll gurisprudenza li ccita l-appellant (bhal **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tas-7 ta' Dicembru 2005).

[2] *"It-Tribunal ma jistax ma josservax il-komportament tal-konvenut fuq il-pedana tax-xhieda u l-mod kif beda jixhed, fejn sahansitra qiesu beda jippretendi li qiesu jigi suggerit lilu x'ghandu jghid"* (pagna tlieta tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014).

[3] Dan minkejja li mart l-appellat xehedet:- *"Mistoqsija mit-Tribunal xi xtara ezatt Paul Borg, nghid li dan grass cutter. Ic-chain saw is-sur Borg qatt ma xtara minghandna. Jiena certa li l-konvenut xtara grass cutter"* (fol. 22).

1. **Thassar is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014 in kwantu dik is-sentenza kkonkludiet li ghall-kaz in ezami kien japplika l-Artikolu 2156(f) u mhux l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili, b'dan li fl-istess waqt ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
2. **Tichad l-appell fuq il-meritu.**

**Spejjez a karigu tal-appellant**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------